MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-1 ta' Ġunju, 2022

Appell Inferjuri Numru 106/2021 LM

**Philippe Jean Guillaut detentur tal-Passaport Franċiż Nru. 11CT47480**
*('l-appellant')*

***vs.***

**HOSI Malta Limited bin-numru ta' reġistrazzjoni (C 75590)**
*('is-soċjetà appellata')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Philippe Jean Guillaut (Passaport Franċiż Nru. 11CT47480)**, [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'], mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], fit-8 ta' Ottubru, 2021, li permezz tagħha t-Tribunal iddeċieda li s-sitt u s-seba'

talbiet tar-rikorrent fil-konfront tas-soċjetà intimata **HOSI Malta Limited bin-numru ta' reġistrazzjoni (C 75590)** [minn issa 'l-appellata'] imorru lil hinn mill-kompetenza tat-Tribunal Industrijali, u għalhekk għandhom jiġu trasferiti mit-Tribunal lil dik il-Qorti kompetenti sabiex tiddeċiedi dwarhom, filwaqt li ċaħad il-kumplament tat-talbiet tar-rikorrent, u ddeċieda li t-tkeċċija tiegħu mill-impjieg kienet waħda ġusta u skont il-liġi.

**<u>Fatti</u>**

2. Ir-rikorrent kien ġie ingaġġat mas-soċjetà intimata bħala Pilota u *RDFE Assistant* mal-linja tal-ajru Heliconia Aero Solutions, inkorporata taħt il-liġijiet Marokkini (numru ta' reġistrazzjoni RC-12159). Qal li *ai termini* tal-kuntratt ta' impjieg tal-25 ta' Jannar, 2017, l-impjieg tiegħu mas-soċjetà intimata kellu jibda fit-23 ta' Jannar, 2017, għal żmien indefinit. Kompla jgħid li fit-3 ta' Mejju, 2018, huwa rċieva ittra mingħand is-soċjetà intimata fejn ġie infurmat li l-impjieg tiegħu kien ser jiġi tterminat fi żmien tliet xhur, jiġifieri b'effett mit-3 t'Awwissu, 2018, u dan mingħajr ma ngħata raġuni għal din it-tkeċċija tiegħu mill-impjieg. Qal ukoll li fis-27 ta' Ġunju, 2018, is-soċjetà intimata bagħtitlu ittra oħra fejn infurmatu li l-impjieg kien ser jiġi tterminat fl-1 ta' Ottubru, 2018 u mhux fid-data indikata fl-ittra preċedenti, filwaqt li din l-ittra wkoll ma pprovdiet l-ebda raġuni għalfejn l-impjieg tar-rikorrent kien qiegħed jiġi tterminat. Ir-rikorrent qal ukoll li għalhekk it-terminazzjoni tiegħu mill-impjieg hija waħda inġusta għaliex huwa baqa' ma ngħata l-ebda raġuni għat-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu. Qal

li s-soċjetà intimata kellha tħallsu l-ammont ta' €8,490 kull xahar, rappreżentanti remunerazzjoni ta' €7,750, flimkien ma' *allowance* għall-karozza ta' €740, *ai termini* tal-kuntratt ta' impjieg tal-25 ta' Jannar, 2017. Ir-rikorrent qal li bejn Jannar u Ġunju 2017 huwa kien jirċievi s-somma ta' €8,490 fix-xahar, imma f'Lulju tal-istess sena huwa tħallas l-ammont ta' €7,236, u sussegwentement beda jitħallas €6,590 fix-xahar, bejn Awwissu u Settembru tal-istess sena. Qal li dan ifisser li b'kollox is-soċjetà intimata naqset li tħallsu s-somma ta' €25,954 li kienet dovuta lilu. Qal li s-soċjetà intimata naqset ukoll li tħallsu għall-aħħar ġurnata ta' impjieg tiegħu, fl-1 ta' Ottubru, 2018, l-ammont ta' €273.80. Ir-rikorrent qal li huwa bagħat żewġ *emails* fit-12 ta' Ottubru, 2018 u fl-14 ta' Novembru, 2018 lis-soċjetà intimata sabiex jinfurmaha li bin-nuqqas ta' dawn il-pagamenti, huwa baqa' ma rċeviex dak li kien dovut lilu.

**<u>Mertu</u>**

3. Permezz tat-talbiet tiegħu quddiem it-Tribunal, ir-rikorrent talab li jiġi ddikjarat li t-terminazzjoni tiegħu mill-impjieg ma' HOSI Malta Limited kienet inġusta, stante li din saret mingħajr ebda raġuni valida skont il-liġi. Ir-rikorrent talab ukoll li jiġi ddikjarat li t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu mingħajr raġuni valida skont il-liġi u mingħajr kumpens, saret bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, u bi ksur tal-kuntratt ta' impjieg tiegħu. Ir-rikorrent talab ukoll li jiġi likwidat l-kumpens li għandu jingħatalu mis-soċjetà intimata, u talab lit-Tribunal jordna lis-soċjetà intimata tħallsu l-ammont hekk likwidat bħala kumpens. Ir-rikorrent talab ukoll lit-Tribunal jordna lis-

soċjetà intimata terġa' timpjegah bħala Pilota u *RDFE Assistant,* jew terġa' tingaġġah taħt il-kundizzjonijiet li t-Tribunal jidhirlu xieraq. Finalment, ir-rikorrent talab lit-Tribunal jiddikjara li s-soċjetà intimata naqset milli tagħmel pagamenti fis-somma totali ta' €26,227.87, rappreżentanti diskrepanza fir-remunerazzjoni dovuta lilu għax-xhur ta' bejn Lulju u Settembru 2017, kif ukoll għar-rimunerazzjoni dovuta lilu għall-aħħar ġurnata ta' impjieg fl-1 ta' Ottubru, 2018, u għall-*allowance* tal-karozza dovuta lilu *ai termini* tal-kuntratt ta' impjieg, u talab lit-Tribunal jordna lis-soċjetà intimata tħallsu dan l-ammont hekk likwidat.

4. Flimkien mar-rikors tiegħu quddiem it-Tribunal, ir-rikorrent ippreżenta kopja tal-kuntratt ta' impjieg tal-25 ta' Jannar, 2017 iffirmat bejn il-partijiet, kopja ta' ittra mibgħuta mis-soċjetà intimata fit-3 ta' Mejju, 2018 dwar it-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent, kopja ta' ittra mibgħuta mis-soċjetà intimata lir-rikorrent tas-27 ta' Ġunju, 2018, kopja tal-*email* tat-12 ta' Ottubru, 2018, u kopja ta' *email* tal-14 ta' Novembru, 2018.

5. Ir-rikorrent ippreżenta wkoll kopja tad-Dikjarazzjoni tal-Każ, fejn huwa qal li kien iffirma kuntratt ta' impjieg mas-soċjetà intimata fil-25 ta' Jannar, 2017, sabiex jaħdem bħala Pilota u bħala *RDFE Assistant* ma' Heliconia Group fil-Marokk għal perijodu indefinit. Qal li huwa ma kienx suġġett għal perijodu ta' impjieg bi prova, u fil-fatt il-kuntratt ta' impjieg ma jagħmel l-ebda riferiment għal dan. Ir-rikorrent qal ukoll li l-kuntratt ta' impjieg kien jispeċifika kemm hija r-rimunerazzjoni li għandha titħallas lilu ta' kull xahar, u kemm huma l-

*allowances* li għandhom jitħallsu lilu. Kompla jgħid li huwa rċieva l-ittra tat-terminazzjoni mill-impjieg fit-3 ta' Mejju, 2018, fejn kien ġie infurmat li wara perijodu ta' tliet xhur mill-avviż ta' terminazzjoni, l-impjieg tiegħu kellu jiġi uffiċjalment itterminat fit-3 ta' Awwissu, 2018. Qal li għalkemm huwa ġie infurmat bid-data tat-terminazzjoni, huwa ma ngħata l-ebda raġuni għalfejn l-impjieg tiegħu kien qiegħed jiġi tterminat, u dan minkejja li l-impjieg tiegħu kien għal perijodu indefinit. Qal ukoll li l-ittra kienet tinkludi struzzjonijiet illi fl-aħħar ġurnata tax-xogħol tiegħu huwa kellu jirritorna t-tagħmir u l-*information carriers* li ngħatawlu mill-kumpannija, u li n-*non-compete clause* fil-kuntratt ma kellhiex tibqa' applikabbli mid-data tat-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu. Qal ukoll li huwa baqa' ma ġiex infurmat għal liema raġuni huwa kien tkeċċa mill-impjieg, u għalhekk huwa ma jistax jgħid li t-tkeċċija tiegħu saret għal raġuni tajba u sodisfaċenti, iżda l-impjieg tiegħu ġie tterminat mingħajr ebda kawża jew raġuni. Ir-rikorrent qal li fis-27 ta' Ġunju, 2018, huwa rċieva ittra oħra mingħand HOSI Malta Limited, iżda minflok ma ngħata raġuni għaliex kien qiegħed jitkeċċa mill-impjieg, huwa kien ġie infurmat li l-aħħar ġurnata tal-impjieg tiegħu kellha tkun l-1 ta' Ottubru, 2018. Ir-rikorrent qal li wara t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu, huwa kien innota li kien hemm diskrepanza fil-ħlasijiet li saru lilu skont it-termini tal-kuntratt. Qal li d-diskrepanza totali bejn dak dovut lilu u dak li attwalment tħallas lilu hija ta' €25,954. Qal ukoll li minkejja li huwa ħadem fl-1 ta' Ottubru, 2018, hu baqa' ma rċieva l-ebda ħlas għal dik il-ġurnata ta' xogħol, liema pagament kien jammonta għal €273.87. Ir-rikorrent qal li huwa kien ipprova jikkuntattja lis-soċjetà intimata dwar dan, u hu kien ġie infurmat li t-tnaqqis fir-rimunerazzjoni kien minħabba kuntratt addizzjonali li huwa kien

daħal fih ma' Heliconia Aero Solutions fis-7 ta' Lulju, 2017. Qal li dan il-kuntratt kien jistabbilixxi li huwa kellu jirċievi pagament addizzjonali ta' wieħed u għoxrin elf Dirham Marokkin, ekwivalenti għal madwar €1,900, fil-kont bankarju tiegħu ġewwa l-Marokk. Ir-rikorrent qal li dan il-kuntratt kien kompletament separat mill-kuntratt iffirmat fil-25 ta' Jannar, 2017 ma' HOSI Malta Limited, mingħajr ebda riferiment għar-rimunerazzjoni indikata fih, u l-ammont ta' flus li kellu jitħallas lilu kellu jkun addizzjonali għar-rimunerazzjoni maqbula fil-kuntratt ta' impjieg iffirmat fil-25 ta' Jannar, 2017 ma' HOSI Malta Limited. Ir-rikorrent ta wkoll ix-xhieda tiegħu *viva voce* quddiem it-Tribunal, fejn spjega li l-pjan oriġinali kien li huwa jibda jaħdem bħala *deputy planning manager* sa Lulju 2017, u wara kellu jibqa' jaħdem bħala *crew training manager,* fejn is-salarju kellu jiżdied b'madwar €2,000. Ir-rikorrent spjega li huwa kien l-unika persuna fil-kumpannija li kien jagħmel dan ix-xogħol, u peress li huwa kien meqjus bħala *flight director,* huwa kellu jaqdi wkoll ir-rwol ta' *deputy of operations.* Waqt id-depożizzjoni tiegħu quddiem it-Tribunal, ir-rikorrent allega li wara li l-impjieg tiegħu ġie tterminat, ix-xogħol li kien jagħmel hu, beda jsir minn impjegat ieħor tal-kumpannija.

6. Is-soċjetà intimata eċċepiet li l-liġi Maltija dwar l-impjieg m'għandhiex tkun applikabbli għal dan il-każ u dan *ai termini* tal-Kap. 482 tal-Liġijiet ta' Malta, li adotta bħala liġi domestika l-Konvenzjoni ta' Ruma tal-1980 Fuq il-Liġi li tapplika għal Obbligazzjonijiet Kuntrattwali, li tistipula li l-liġi applikabbli għandha tkun dik tal-pajjiż fejn "l-impjegat soltu jagħmel ix-xogħol tiegħu fl-eżekuzzjoni tal-kuntratt", f'dan il-każ il-Marokk. Qalet ukoll li mingħajr

preġudizzju għal dan, l-allegazzjoni li t-terminazzjoni tal-impjieg kienet waħda inġusta, hija għal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt, u dan peress li t-terminazzjoni saret skont il-ftehim bejn il-partijiet u ġiet aċċettata mir-rikorrent. Finalment, is-soċjetà intimata eċċepiet li ma kien hemm dovut l-ebda salarju li għad irid jitħallas lir-rikorrent, għaliex ir-rikorrent kien talab huwa stess biex ma jingħatax is-salarju kollu f'daqqa fil-Marokk u bid-Dirham Marokkin, għaliex ma kienx jaqbillu finanzjarjament, u għalhekk huwa dejjem irċieva s-salarju tiegħu abbażi ta' *split payroll,* jiġifieri l-ekwivalenti ta' €1,900 f'Dirhams, u l-kumplament fil-munita Euro, f'kont bankarju separat indikat mir-rikorrent innifsu.

7. **Joseph Debono** fix-xhieda tiegħu quddiem it-Tribunal, qal li r-rikorrent qatt ma ħallas taxxa jew kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali hawn Malta.

8. Permezz ta' deċiżjoni preliminari mogħtija fit-12 ta' Ġunju, 2020, it-Tribunal iddeċieda li hija l-liġi Maltija li tirregola dan il-kuntratt ta' impjieg, u għalhekk ċaħad l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà intimata, u kompla jisma' l-każ.

9. **Paul Murtagh**, direttur tas-soċjetà intimata, spjega li r-rikorrent kien impjegat mas-soċjetà HOSI kif ukoll minn Heliconia Air Solutions għall-istess rwol. Ix-xhud qal li s-salarju tar-rikorrent kien jitħallas minn dawn iż-żewġ kumpanniji. Ix-xhud spjega li l-arranġament mar-rikorrent kien li dan kellu jitħallas perċentwali mis-salarju f'Dirhams Marokkini, u dan kien rekwiżit marbut mal-kisba ta' permess ta' impjieg għar-rikorrent minn dak il-pajjiż,

filwaqt li l-kumplament kien jitħallas lilu f'kont bankarju tal-għażla tiegħu. Ix-xhud qal li r-rikorrent qatt ma kien ilmenta li kien qiegħed jirċievi salarju inqas minn dak miftiehem bejn il-partijiet. Ix-xhud qal li kien ilu jokkupa l-kariga ta' direttur għal madwar tliet xhur, u li huwa jinsab infurmat li kien hemm uffiċjali għolja fil-kumpannija li kienu tkellmu mar-rikorrent dwar il-possibilità li huwa jispiċċa mingħajr impjieg, u li dan kien każ ta' *redundancy.*

10. **Chris Krajewski** waqt id-depożizzjoni tiegħu quddiem it-Tribunal, qal li huwa kien jokkupa l-kariga ta' *Chief Executive Officer* mas-soċjetà intimata bejn Jannar 2018 u Diċembru 2019. Qal li HOSI Malta ġiet iffurmata bil-għan li tipprovdi r-riżorsi umani lil operazzjonijiet u entitajiet legali differenti taħt il-Heliconia Group. Qal li minkejja li r-rikorrent kien impjegat ma' HOSI Malta, dan kien jiġi assenjat biex jagħmel xogħol ma' Heliconia Aero Solutions fil-Marokk, u dan l-istat ta' fatt baqa' ma nbidel qatt sal-ġurnata li fiha ġie tterminat l-impjieg tiegħu. Ix-xhud spjega li waħda mir-raġunijiet għalfejn is-salarju tar-rikorrent kien jitħallas parzjalment f'Dirhams Marokkiniu l-kumplament f'Euro, kienet għaliex huwa kien residenti l-Marokk u għalhekk kellu bżonn il-flus biex ikun jista' jħallas il-kera u għall-bżonnijiet ta' kuljum. Dan ix-xhud ikkonferma wkoll li r-rikorrent qatt ma kien ilmenta miegħu dwar xi nuqqasijiet fil-ħlasijiet li saru lilu tul is-snin. Dan ix-xhud qal li huwa kien involut fid-deċiżjoni li l-impjieg tar-rikorrent jiġi tterminat, u din id-deċiżjoni kienet ittieħdet minħabba ristrutturar fil-kumpannija. Qal li r-rwol li kien jokkupa r-rikorrent ta' *Assistant Training Manager* tneħħa mill-istruttura organizzattiva, u għalhekk issa m'hemm ħadd li jokkupa din il-pożizzjoni minflok ir-rikorrent. Ix-xhud qal li huwa kien sar jaf bl-

ilment tar-rikorrent dwar nuqqasijiet fil-ħlasijiet li saru lilu, wara li l-impjieg tar-rikorrent ġie tterminat. Ix-xhud qal li wara li huwa ġie mgħarraf b'din il-problema, kienu saru diskussjonijiet mar-rikorrent sabiex jaraw il-kwistjoni kif setgħet tiġi solvuta, iżda li r-rikorrent baqa' jbiddel l-ammont li qed jgħid li huwa dovut lilu. Ix-xhud qal li kien hu li għarraf lir-rikorrent li l-impjieg tiegħu qiegħed jiġi tterminat, u kien spjegalu li dan kien qiegħed isir minħabba r-ristrutturar fil-kumpannija, u dan ir-ristrutturar kien qiegħed jaffettwa diversi proċessi, inkluż l-impjieg tar-rikorrent innifsu. Qal ukoll li l-impjegati kollha tal-kumpannija kienu ġew infurmati b'dan ir-ristrutturar. Ix-xhud qal li d-deċiżjoni dwar liema impjiegi kellhom jiġu tterminati ttieħdet abbażi tal-pożizzjoni li l-impjegat partikolari kellu fil-kumpannija, kif ukoll abbażi tal-ammont ta' snin li wieħed kien ilu fl-impjieg.

## <u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>

11. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-8 ta' Ottubru, 2021, it-Tribunal iddeċieda li t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent kienet ġusta u skont il-liġi, u dan għas-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**Fatti tal-Każ***

*Ir-rikorrent Philippe Jean Guillaut kien impjegat mal-kumpannija HOSI Malta Limited fil-25 ta' Jannar, 2017 fuq kuntratt ta' impjieg indefinit bħala RDFE Assistant / Pilot. Huwa kellu jkun stazzjonat il-Marrakech il-Marokk biex jagħmel vjaġġi bl-ajru f'dak ir-reġjun ġeografiku partikolari. Minħabba f'hekk huwa kellu jidħol fi ftehim ta' impjieg ieħor ma' Heliconia Group, kumpannija reġistrata l-Marokk u għaldaqstant*

*setgħet, skont il-liġi Marokkina, timpjega persuni biex jaħdmu fil-ġurisdizzjoni Marokkina. HOSI Malta Limited tifforma parti mill-Group Heliconia.*

*Dan, flimkien ma' dettalji oħra inkluż is-salarju u kundizzjonijiet oħra tax-xogħol dovuti joħorġu mill-istess kuntratt tax-xogħol tal-25 ta' Jannar, 2017. Nhar it-3 ta' Mejju, 2018, ir-rikorrent irċieva ittra ta' notifikazzjoni ta' terminazzjoni mingħand is-soċjetà intimata, fejn huwa ġie infurmat illi l-impjieg tiegħu kien ser jiġi tterminat fi żmien tliet xhur, jiġifieri nhar it-3 ta' Awwissu, 2018 u dan mingħajr ma ngħata rġuni għal din it-terminazzjoni ta' impjieg. Nhar is-27 ta' Ġunju, 2018 ir-rikorrent irċieva ittra oħra ta' notifikazzjoni ta' terminazzjoni ta' impjieg, fejn ġie infurmat illi l-impjieg tiegħu ser jiġi tterminat nhar l-1 ta' Ottubru, 2018 minflok it-3 t'Awwissu, kif notifikat fl-ewwel ittra.*

***Konsiderazzjonijiet***

*It-Tribunal kellu quddiemu terminazzjoni ta' impjieg għal raġuni ta' sensja (redundancy), filwaqt li r-rikorrent kien qed jallega tkeċċija inġusta. Għaldaqstant, it-Tribunal ried jiddetermina jekk il-kundizzjonijiet li wasslu għas-sensja (redundancy) kinux preżenti u jekk fl-affermattiv, kinitx segwita l-proċedura neċessarja għal dan.*

*It-Tribunal kellu wkoll jara n-natura ta' talbiet tar-rikorrent dwar il-ħlasijiet bħala remunerazzjoni tax-xogħol tiegħu li hu jallega li huma dovuti lilu. F'dan id-dawl, it-Tribunal ried jara jekk kellux il-kompetenza ġuridika li jiddetermina talbiet bħal dawn.*

*<u>Ħlasijiet dovuti għal salarju u perkaċċi oħra li allegatament baqgħu ma tħallsux mis-soċjetà intimata lir-rikorrent.</u>*

*Ir-rikors promutur li permezz tiegħu r-rikorrent beda dawn il-proċeduri jitlob lit-Tribunal jiddikjara li s-soċjetà appellata hija debitriċi fil-konfront tiegħu minħabba nuqqas ta' twettiq tal-obbligi kuntrattwali li l-partijiet kienu intrabtu bih fil-kuntratt tax-xogħol.*

*It-Tribunal ifakkar li l-kompetenza ġuridika tat-Tribunal hija regolata mill-artikolu 75(1) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta fejn jelenka ġurisdizzjoni speċifika u mhux ġenerali jew ordinarja bħal dik ta' organi oħra tal-Qorti. F'dan is-sens it-Tribunal jirreferi għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell 17.06.2020 (Adrien Malgonne vs HOSI Malta Limited) fejn il-Qorti ddikjarat li kwistjonijiet marbut ma' debitu allegat dovut tmur lil hinn mil-limiti speċifiċi tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*F'dan ir-rigward, it-Tribunal jiddeċiedi u jaqta' li t-talbiet tar-rikorrent bin-numri 6 u 7 tar-rikors promutur imorru lil hinn mill-kompetenzi ġuridiċi tat-Tribunal Industrijali u*

*għalhekk għandhom jiġu trasferiti minn dan it-Tribunal għal dik il-Qorti kompetenti biex tiddeċiedi dwar dan.*

*<u>Terminazzjoni u notifika ta' sensja (redundancy)</u>*

*It-Tribunal ried jibda billi jħares lejn il-fatturi li jikkostitwixxu 'sensja' – "redundancy".*

*Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta ma jagħtix definizzjoni ta' sensja "redundancy" iżda l-ġurisprudenza Maltija u barranija toffri għarfien sostanzjali dwar dan.*

*Sensja ġenwina sseħħ meta s-sensja hija dovuta għall-fatt li min iħaddem għandu bżonn numru anqas ta' ħaddiema biex isir xogħol ta' ċertu tip jew li ma jkunx għad hemm bżonn il-ħaddiema kollha għax-xogħol rikjest.*

*Għalhekk biex sensja tingħata b'mod ġust, min iħaddem irid jistabbilixxi li r-rwol tal-ħaddiem jew ħaddiema milquta verament spiċċat jew se tispiċċa. Fil-liġi Ingliża, sensja "redundancy" hija meqjusa bħala terminazzjoni speċjali ta' impjieg li jseħħ meta hemm il-bżonn li jitnaqqsu l-ħaddiema. F'dan ir-rigward, impjegat hu meqjus bħala "redundant" meta:*

1. *min iħaddmu waqqaf jew se jwaqqaf negozju;*
2. *li r-rikjesti mitluba minn ħaddiem jew ħaddiema biex jagħmel ċertu tip speċjali ta' xogħol jew spiċċa jew se jispiċċa mil-lokalità fejn kien qed isir.*

*Biex terminazzjoni ta' impjieg għal raġuni ta' sensja 'redundancy' tkun konsidrata, il-prinċipal irid jonqoslu x-xogħol u jispiċċa b'ħaddiema żejda.*

*F'dan il-każ it-Tribunal kellu l-verżjoni tas-Sur Guillaut fejn jgħid li hu kellu jibda billi jkun "deputy of a Planning Manager" sa Lulju 2017 u wara jkompli fir-rwol ta' "Crew Training Manager". F'dan l-istadju hu kellu jibda jirċievi madwar 2000 Euro addizzjonali mill-kumpannija fil-Marokk. Jgħid li dan l-arranġament sar mas-sid tal-kumpannija s-Sur Sigaud meta kien qed jinnegozja l-kuntratt ta' impjieg f'Jannar 2017. Is-Sur Guillaut jispjega li minħabba li hu kien stazzjonat il-Marokk, kellu bilfors jimxi mal-proċedura ta' dak il-pajjiż u jidħol f'kuntratt ta' xogħol ieħor ma' kumpannija reġistrata l-Marokk minkejja li hu kien diġà kopert b'kuntratt ta' impjieg minn Malta ma' HOSI Malta Limited. Hu jżid jispjega li bħala job kien wieħed u mhux tnejn –*

"Actually, I have one job as a helicopter pilot of operation and is same" ... "The employment is one of course" – *(Atti tat-23 ta' Ottubru, 2020).*

*Is-Sur Guillaut ikompli jispjega li n-nomenklatura ta' RDFE Assistant kif hemm imniżżel fil-kuntratt tal-impjieg ta' Jannar tal-2017 huwa ekwivalenti għan-nomenklatura ta' Crew Training Manager.*

*Jispjega li hu kien l-unika persuna li kien jagħmel xogħol ta' Crew Training Manager fil-Grupp liema rwol, skont hu kienet tfisser "Flight Director" u bħala konsegwenza tkun ukoll Deputy of Operations. Is-Sur Guillaut jispjega li r-rwoli baqgħu hekk sakemm dan ix-xogħol ingħata lil impjegat ieħor tal-Grupp is-Sur Forcade. Hu jilmenta li wara li ġie ssensjat, is-Sur Forcade beda jagħmel eżatt l-istess xogħol tiegħu.*

*It-Tribunal jinnota li l-kuntratt tal-impjieg la jsemmi rwoli ta' "Deputy Planning Manager" u anqas "Crew Training Manager" imma RDFE assistant / pilot u dan konsistenti ma' dak li qal is-Sur Sigaud fl-atti tal-21 ta' Mejju, 202. Mill-atti anqas toħroġ xi evidenza li r-rikorrent kien ingħata xi promozzjoni għal kategorija aktar avvanzata jew li nbidillu t-titolu għal "Flight Director" jew "Deputy of Operations" jew li kien qed jitħallas salarju ogħla minħabba dan. Għaldaqstant it-Tribunal jikkonkludi li fil-mument tas-sensja s-Sur Guillaut kien għadu fil-kariga ta' RDFE assistant/pilot kif elenkat fil-kuntratt tal-impjieg tal-25 ta' Jannar, 2017.*

*It-Tribunal ra ittri ta' terminazzjoni kemm dik iffirmata mis-Sur Sigaud u kemm dik iffirmata mis-Sur Chris Krajewski u jinnota li ma ngħatat l-ebda raġuni għat-terminazzjoni. Sitwazzjoni ta' sensji hija sitwazzjoni iebsa imma reali u l-Liġi tagħna tirrikonoxxi sitwazzjonijiet bħal dawn u għalhekk ma hemm l-ebda raġuni li dan il-fatt ma jitniżżilx fl-ittra ta' terminazzjoni. Tajjeb u hu neċessarju li l-Management ikellem, jiddiskuti, jesplora u jgħin lil ħaddiema milquta mis-sensji, anzi huwa obbligu li dan jagħmlu imma daqstant ieħor għandu jkkun trasparenti mal-ħaddiema u jniżżel fl-ittra ta' terminazzjoni li r-raġuni tat-tmiem tal-impjieg, kienet ir-Redundancy. Il-fatt li dan ma sarx kien nuqqas tal-kumpannija.*

*Min-naħa l-oħra t-Tribunal kellu l-verżjoni tal-kumpannija. Is-Sur Chris Krajewski serva bħala Chief Executive Officer tal-Grupp Heliconia inkluża l-kumpannija Maltija HOSI Malta Limited bejn Jannar 2018 u Diċembru 2019. Hu beda biex jispjega r-raġuni għaliex ċertu ħaddiema li jaħdmu f'ġurisdizzjonijiet differenti jkollhom bżonn żewġ kuntratti. Hawn wieħed jara konsistenza bejn dak li qal is-Sur Krajewski u dak li rrapporta s-Sur Guillaut.*

*Dwar it-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent, is-Sur Krajewski qal li kien involut anzi xi ftit aktar fil-każ tas-Sur Guillaut għaliex, fejn normalment deċiżjonijiet marbuta mar-riżorsi umani jkunu komunikati mill-kap tad-dipartiment fejn l-impjegat milqut*

*jaħdem u mid-Direttur tar-Riżorsi Umani, f'dan il-każ, din ir-responsabbilità waqgħet fuq spallejn is-CEO għaliex iż-żewġ persuni responsabbli kienu msiefra.*

*Is-Sur Krajewski jispjega kif f'Mejju tal-2018 il-Grupp iffaċċja kriżi meta x-xogħol "offshore" li kien xogħol konness mal-industrija taż-żejt waqaf u ma kienx hemm aktar xogħol. Ma' dan, kien hemm riżultati diżappuntanti anki fuq xogħol li kien "onshore". Minħabba dawn iż-żewġ fatturi kien hemm nuqqas sinjifikanti fid-dħul tal-kumpannija u għalhekk il-Management kellu jħejji pjan ta' ristrutturar li kien se jfisser li numru ta' rwoli kienu se jiġu affettwati, inkluż ir-rwol tas-Sur Guillaut li skont is-Sur Krajewski din il-pożizzjoni tneħħiet mill-istruttura tal-organizzazzjoni. Hu jkompli jispjega li kien hemm bejn ħmistax (15) u għoxrin (20) persuna milquta mis-sensji fosthom piloti, inġiniera u membri tal-Management. Is-Sur Krajewski jinforma li anki r-rwol tiegħu bħala CEO ġie eliminat u spiċċa ssensjat f'Diċembru 2019 minkejja li kompla bħala konsulent għal żmien qasir sakemm il-kumpannija ħarġet mill-kriżi.*

*Huwa jżid li kien tkellem mas-Sur Guillaut u spjegalu r-raġunijiet tar-ristrutturar u tah l-aħbar tas-sensja filwaqt li għaddielu l-ittra tat-terminazzjoni. Hu jżid jgħid li ta parir lir-rikorrent biex ikellem lil kap tad-dipartiment tiegħu u lid-Direttur tal-HR biex magħhom jara kif se jimxi l-proċess tas-sensji u jesplora jekk kienx hemm possibilità li l-kumpannija tgħinu f'dan il-mument.*

*Is-CEO jispjega li l-job tas-Sur Guillaut seta' jiġi eliminat għaliex il-kumpannija kellha Manager of Training li kien kwalifikat aktar mis-Sur Guillaut għaliex mhux biss kien liċenzjat biex iħarreġ fuq iż-żewġ helicopters speċifiċi li s-Sur Guillaut kien kwalifikat għalihom imma seta' jħarreġ fuq oħrajn ukoll. Infatti r-rwol tas-Sur Guillaut ġie integrat mar-responsabbilitajiet tas-Sur Forcade.*

*Is-Sur Krajewski spjega l-kriterja li fuqhom ingħataw is-sensji. Hu qal li l-impjegati kienu jafu li l-kumpannija kienet fi kriżi u diversi kienu konċernati dwar jekk kinux huma li se jintlaqtu mis-sensji. Is-CEO spjega li ntużaw żewġ kriterji, l-ewwel kienet il-kompetenzi tal-piloti fir-rigward tat-tip ta' helicopters li jtajjru marbut ma' kemm kien hemm talba ta' xogħol għalihom. Għalhekk taw sensji lil dawk il-piloti li kienu jtajru biss helicopters li ma kienx hemm domanda ta' xogħol għalihom. It-tieni kriterju kien is-senjorità fis-servizz. Minħabba li s-Sur Guillaut kien Assistant Training Manager u kien l-uniku wieħed fil-kategorija tiegħu u minħabba l-pożizzjoni ġiet abolita mill-istruttura organizzattiva allura l-kumpannija ma kellhiex alternattiva ħlief li tagħti s-sensja lir-rikorrent. Hu jkompli jgħid li l-kumpannija ppreferiet iżżomm lis-Sur Forcade bħala Training Manager għaliex kien fi klassi oħra u aktar avvanzata, barra li kien*

*kwalifikat f'"multiple aircraft types" u mhux biss fiż-żewġ tipi speċifiċi li kien kwalifikat għalihom is-Sur Guillaut.*

*It-Tribunal jinnota li l-Grupp Heliconia għadda minn kriżi għaliex ix-xogħol verament naqas kemm dak "off-shore" u anki ffaċċjat problemi "on-shore". Dan inevitabbilment iwassal għal ri-strutturar u b'konsegwenza li ħafna drabi ċerta rwoli jispiċċaw żejda u ma jkunx hemm iżjed xogħol għalihom. HOSI Malta Limited kienet aġenzija tal-ingaġġ tal-ħaddiema għal Grupp Heliconia u l-mument li dan il-grupp jiffaċċja nuqqas ta' xogħol, il-ħaddiema ta' HOSI Malta Limited stazzjonati f'dan ir-reġjun partikolari jispiċċaw bla xogħol u vulnerabbli għas-sensja. Dan kien il-każ f'din is-sitwazzjoni.*

*It-Tribunal irid ukoll ifakkar fl-obbligi li min iħaddem għandu f'sitwazzjoni ta' sensji. Min iħaddem irid juri sensittività kif jikkomunika aħbarijiet bħal dawn li jaffettwaw mhux biss lill-ħaddiem imma l-familja kollha tiegħu jew tagħha. Irid ikun trasparenti u jispjega ċar is-sitwazzjoni, jiddiskuti possibilitajiet alternattivi ta' xogħol, u jimminimizza t-tbatija kemm jista' jkun.*

*Il-mod kif kien immaniġġjat il-proċess tas-sensji ma kienx ideali. Li jkollok id-Direttur tar-Riżorsi Umani msiefer meta fl-istess ħin qed iħabbar is-sensji ma tagħmilx sens u turi nuqqas ta' sensittività u rispett lejn il-ħaddiema anki jekk is-CEO sab il-ħin biex jitkellem mar-rikorrent dwar dan. Li tintbagħat it-tieni ittra ta' terminazzjoni b'data ġdida mingħajr konsultazzjoni mal-ħaddiem huwa nuqqas ieħor li ma kellux isir. Li l-proċess tas-sensji kien bażikament wieħed ta' informazzjoni u nieqes minn aspetti umani ta' assistenza, kienu nuqqasijiet li kumpannija li trid tattira l-aħjar talent lejha ma tagħmel qatt.*

*It-Tribunal ħares ukoll lejn iż-żewġ kriterji għas-sensji li użat il-kumpannija. L-ewwel dak tal-kompetenzi neċessarji biex jaqdu d-domanda ta' xogħol li kien fadal u t-tieni ntużat is-seniority fil-kategoriji rispettivi milquta. It-Tribunal ra li dawn iż-żewġ kriterji kienu leġittimi fiċ-ċirkostanzi.*

*Kien leġittimu d-distinzjoni li l-kumpannija għamlet bejn il-kompetenzi tas-Sur Guillaut u dawk tas-Sur Forcade. Dan tal-aħħar kellu kwalifiċi u esperjenzi aktar wiesa' u rilevanti għax-xogħol tal-kumpannija minn dawk li kellu s-Sur Guillaut.*

*Wieħed jifhem li ġaladarba naqas ix-xogħol tal-piloti, ħa tonqos ukoll il-funzjoni tat-taħriġ u għaldaqstant ir-rwol ta' Assistant RDFE tonqos u possibilment funzjoni bħal din tiġi integrata fi rwol ieħor jew f'wieħed aktar avvanzat. Għalhekk kien leġittimu li l-kumpannija integrat il-funzjonijiet li kien iwettaq is-Sur Guillaut ma' funzjonijiet*

*aktar avvanzati f'kategorija tax-xogħol ogħla. Kien leġittimu li l-kumpannija tappunta lis-Sur Forcade biex iġorr dawn il-funzjonijiet mhux biss għaliex kellu kredenzjali aktar meħtieġa għas-sostenibbilità tan-negozju tal-kumpannija imma għaliex is-Sur Forcade kien diġà jokkupa l-pożizzjoni ta' RDFE Training Manager u mhux RDFE Assistant bħal fil-każ tas-Sur Guillaut.*

***Deċiżjoni***

*Wara li t-Tribunal eżamina u evalwa d-dikjarazzjoni tal-każ, testimonjanzi, dokumenti u sottomissjonijiet tal-partijiet u wara konsiderazzjoni ta' dawn, it-Tribunal, wara li ħares lejn l-elementi tal-każ fit-totalità u l-komplessità tagħhom, jiddeċiedi li s-Sur Philippe Jean Guillaut kien terminat mix-xogħol ġustament u skont il-liġi."*

## L-Appell

12. Ir-rikorrent appella mid-deċiżjoni appellata permezz ta' rikors tal-appell ippreżentat minnu fid-19 ta' Ottubru, 2021, fejn talab lil din il-Qorti tilqa' l-aggravji tiegħu, u konsegwentement tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata, senjatament il-parti fejn ġie deċiż li huwa tkeċċa mill-impjieg ġustament, filwaqt li tillikwida l-kumpens li għandu jitħallas lilu *ai termini* tal-artikolu 81(2)(a) tal-Kap. 452.

13. L-appellant jikkontendi li t-Tribunal ma kienx korrett fid-deċiżjoni tiegħu, għaliex fl-ewwel lok dan kellu jiddetermina jekk it-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellant saritx għal raġuni tajba u valida skont il-liġi, jew għal raġuni ta' sensja *(redundancy)*. Qal li minkejja li t-Tribunal ikkonkluda li dan kien każ ta' sensja, dan wasal għal din il-konklużjoni mingħajr ma kkonsidra liema liġi kellha tiġi applikata rigward is-sensja tal-appellant. Qal li l-liġi Maltija tirregola żewġ tipi ta' sensji, dawk regolari u dawk kollettivi. Qal li s-sensji regolari huma regolati

mill-artikolu 36 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li s-sensji kollettivi huma regolati mir-Regolamenti dwar Sensji Kollettivi (Ħarsien tal-Impjieg), Leġislazzjoni Sussidjarja 452.80.

14. L-appellant qal li fid-deċiżjoni tiegħu t-Tribunal naqas milli jagħmel riferiment għal-liġi li qiegħed japplika fir-rigward ta' din is-sensja partikolari, u għalhekk ma seta' qatt jiddetermina jekk is-sensja saritx b'mod korrett jew le. Qal li t-Tribunal imkien ma jsemmi x'tip ta' sensja saret, u jibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq dak li xehed Chris Krajewski meta qal li fl-2018 il-Grupp kellu kriżi ta' xogħol *"offshore"* li kien konness mal-industrija taż-żejt. Dan ix-xhud qal li kien hemm bejn 15 u 20 persuna affettwati mis-sensji, tant hu hekk li anki r-rwol tiegħu bħala CEO ġie tterminat. L-appellant għamel riferiment għall-artikolu 2 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja dwar sensji kollettivi, u qal li meta t-Tribunal ikkonkluda li dan kien każ ta' sensja, dan kellu r-responsabbilità li jiddetermina x'tip ta' sensja ngħatat, speċjalment fid-dawl tat-testimonjanza li ta Chris Krajewski, li stqarr li kien hemm diversi persuni milqutin minn dawn is-sensji. Qal ukoll li t-Tribunal ma ħa l-ebda konjizzjoni ta' din id-distinzjoni, bir-riżultat għalhekk li dan naqas milli japplika r-regolamenti tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.80 li tirregola sensji kollettivi. L-appellant qal li l-Leġislazzjoni Sussidjarja timponi diversi obbligi li l-prinċipal għandu josserva f'ċirkostanzi ta' sensji kollettivi, u skont dawn ir-regolamenti, il-prinċipal ma jistax jittermina l-impjieg ta' dawn l-impjegati qabel ma jinnotifika bil-miktub lir-rappreżentanti tal-impjegati bis-sensji ppjanati minnu, u qabel ma jkun ta lir-rappreżentant imsemmi l-opportunità li jikkonsulta mal-prinċipal. Qal li l-konsultazzjonijiet

għandhom jibdew fi żmien sebat ijiem tax-xogħol mill-ġurnata li fiha r-rappreżentanti tal-impjegati kienu notifikati bis-sensji kollettivi ppjanati u dawn il-konsultazzjonijiet għandhom ikopru kif jistgħu jkunu evitati s-sensji kollettivi jew it-tnaqqis fin-numru ta' impjegati milqutin minn tali sensji, u biex inaqqsu l-konsegwenzi tagħhom. L-appellant qal li dawn ir-regolamenti jorbtu wkoll lill-prinċipal bl-obbligu li f'dan il-perijodu jgħaddi lir-rappreżentanti tal-impjegati dikjarazzjoni bil-miktub li tagħti informazzjoni rilevanti, u fi kwalunkwe każ għandu jagħti lir-rappreżentanti tal-impjegati r-raġunijiet għas-sensji, in-numru ta' impjegati li ser jingħataw is-sensja, in-numru ta' impjegati li normalment huma impjegati mal-kumpannija, il-kriterji proposti għall-għażla tal-impjegati li ser jiġu ssensjati, dettalji dwar il-kumpens dovut għat-temm tal-kuntratt, u l-perijodu li matulu dawn is-sensji ser jingħataw. Qal li l-prinċipal għandu obbligu wkoll jgħaddi lid-Direttur responsabbli mill-Impjiegi u r-Relazzjonijiet industrijali kopja tan-notifika bil-miktub u kopja tad-dikjarazzjoni bil-miktub li jkunu ngħataw ir-rappreżentanti tal-impjegati, fl-istess ġurnata li dawn ikunu notifikaw lill-istess rappreżentanti. Qal li s-sensja kollettiva m'għandhiex tieħu effett qabel jgħaddu tletin ġurnata minn din in-notifika.

15. L-appellant qal li minkejja dan, ma saret l-ebda notifika dwar is-sensji kollettiva lir-rappreżentant tal-impjegati jew lid-Direttur responsabbli mill-impjiegi u r-relazzjonijiet industrijali, tant hu hekk li dawn is-sensji ngħataw waqt li d-Direttur tar-Riżorsi Umani kien imsiefer, u mingħajr ebda konsultazzjoni dwar id-data tat-terminazzjoni. L-appellant żied jgħid li ma kienx biżżejjed li t-Tribunal jgħid li l-proċess li bih ingħataw is-sensji ma kienx wieħed

ideali, għaliex it-Tribunal għandu l-obbligu li jiddetermina jekk il-proċess adottat kienx wieħed legali. Qal ukoll li sabiex it-Tribunal ikun jista' jiddetermina li s-soċjetà appellata adottat sensji kollettivi legali, dan kellu jikkonferma li r-rappreżentant tal-impjegati kien innotifikat b'dawn is-sensji kollettivi, li rċieva d-dettalji kif rikjest mil-liġi, u li d-Direttur responsabbli mill-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali kien notifikat bl-istess. L-appellant qal li sussegwentement, it-Tribunal kellu jiddetermina d-dati ta' meta saru dawn in-notifiki u jikkonferma li l-perijodu ta' tletin ġurnata stipulat mil-liġi kien għadda qabel ma ġew affettwati s-sensji. Qal li t-Tribunal naqas milli jagħmel din l-evalwazzjoni, u sempliċement wasal għall-konklużjoni li ġialadarba s-soċjetà appellata kienet għaddejja minn kriżi, hija setgħet tirrikorri għas-sensji b'kull mod li jidhrilha xieraq. Qal li dan l-aggravju huwa wieħed serju, partikolarment meta l-liġi tqis il-ksur tar-regolamenti dwar sensji kollettivi bħala reat. L-appellant qal li jekk it-terminazzjoni tiegħu verament saret abbażi ta' sensji li kienu qegħdin jiġu adottati mis-soċjetà appellata fir-rigward tal-impjegati tagħha, tali terminazzjoni mhux biss saret b'mod inġust minħabba l-fatt li dawn il-proċeduri ma ġewx esegwiti, talli s-soċjetà appellata għandha tinstab ħatja u teħel multa *ai termini* tal-artikolu 11 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.80.

16. L-appellant qal li s-soċjetà appellata ma ressqet l-ebda prova dwar tali notifika jew dikjarazzjoni mogħtija lir-rappreżentanti tal-impjegati jew lid-Direttur responsabbli mill-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali, u ma ġiet sottomessa l-ebda prova dwar il-pjan ta' ristrutturar li allegatament kien hemm fis-seħħ, jew dwar it-telf ta' xogħol jew il-kriżi finanzjarja li s-soċjetà appellata

kienet għaddejja minnha. Qal ukoll li t-Tribunal ibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq ix-xhieda ta' Chris Krajewski, u ma marx lil hinn minn din it-testimonjanza sabiex jistabbilixxi jekk it-telf ta' impjieg tal-appellant kienx wieħed ġust jew le.

17. L-appellant kompla jgħid li jekk minkejja n-numru kbir ta' impjegati li sfaw imkeċċija, din is-sensja kellha titqies bħala waħda regolari u mhux kollettiva, it-Tribunal għandu japplika r-regolamenti li japplikaw għal sensji regolari *ai termini* tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta. Qal ukoll li sensja regolari għandha tkun skont il-prinċipju *last in, first out,* abbażi ta' dak li jipprovdi l-artikolu 36(4) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellant qal li minkejja li t-Tribunal ikkonferma li r-rwol tal-appellant ingħata lis-Sur Forcade meta dan ġie maħtur sabiex jaqdi l-istess funzjonijiet tal-appellant, it-Tribunal naqas milli jistabbilixxi d-dati ta' meta dawn iż-żewġ impjegati ġew ingaġġati mas-soċjetà appellata. Kompla jgħid li d-deċiżjoni tat-Tribunal ma tagħmel l-ebda riferiment għal min miż-żewġ ħaddiema ġie ngaġġat l-ewwel, u għalhekk min kellu jiġi tterminat l-ewwel u jingħata s-sensja *ai termini* tal-artikolu 36(4) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta.

18. L-appellant qal li t-Tribunal jindika li s-sensja tal-appellant saret b'mod ġust għaliex l-appellant kien jokkupa t-titolu ta' RDFE Assistant filwaqt li s-Sur Forcade kien jokkupa t-titolu ta' RDFE Training Manager. Qal li għal darb'oħra jrid isir riferiment għal dak li jipprovdi l-artikolu 36(4) tal-Kap. 452, li jispeċifika li sabiex isseħħ sensja b'mod ġust, irid jiġi tterminat l-impjegat li kien ingaġġat fil-klassi partikolari ta' impjieg, u mhux l-impjegat li kien l-aħħar jokkupa t-titolu in kwistjoni. Qal li l-Kap. 452 jiddefinixxi 'klassi' bħala 'xogħol magħmul jew

mistenni li jsir indipendentement mit-titolu jew l-isem mogħti lill-kariga'. Hawn ukoll it-Tribunal ma jispjegax id-differenza bejn ix-xogħol magħmul jew li kien mistenni li jsir mill-appellant u mis-Sur Forcade, għaliex dawn kellhom jitqiesu f'żewġ klassijiet separati. Qal li meta l-funzjonijiet tal-appellant għaddew għand is-Sur Forcade, wieħed seta' jikkonkludi li ż-żewġ impjegati kienu fl-istess klassi ta' impjieg, hekk kif ix-xogħol magħmul jew mistenni li jsir kien ser ikun l-istess wieħed.

19. L-appellant qal li huwa ma jistax jifhem kif it-Tribunal jassumi, mingħajr ma jagħmel riferiment għal evidenza konkreta, li s-Sur Forcade kien jokkupa r-rwol ta' RDFE qabel ma dan ir-rwol kien ġie okkupat mill-appellant, għaliex minn ittra mibgħuta fit-18 ta' Ġunju, 2018 ġie kkonfermat li s-Sur Forcade kien ser jiġi appuntat f'dan ir-rwol minflok l-appellant, u ma kienx jokkupa dan ir-rwol qabel. L-appellant qal li t-Tribunal jassumi wkoll li huwa ma kienx jokkupa l-kariga ta' RDFE iżda ta' RDFE Assistant, u dan minkejja dak li kien hemm miktub fl-ittra tat-18 ta' Ġunju, 2018, u minkejja li l-*Aeronautical reference file for designated managers and executive staff* tal-1 ta' Lulju, 2017 jikkonferma li l-kariga tal-appellant mal-operatur Heliconia Aero Solutions kienet dik ta' RDFE. L-appellant qal li dan ifisser li t-Tribunal mhux biss applika l-kriterju ta' *seniority* erronjament meta ħa konsiderazzjoni tat-titolu tal-impjegati minflok l-ammont ta' snin kemm dawn l-impjegati kienu ilhom ingaġġati mas-soċjetà appellata fil-klassi tal-impjieg in kwistjoni, imma injora wkoll il-fatti miġjuba quddiemu, u mingħajr ebda bażi ta' evidenza assuma li s-Sur Forcade kien jokkupa kariga ogħla minn dik tal-appellant.

20. L-appellant żied jgħid li t-Tribunal erronjament iddetermina jekk is-sensja kinitx ġusta jew le, abbażi tal-kriterju ta' kompetenza. Qal li dan il-kriterju huwa wieħed arbitrarju u mhux wieħed li huwa kkonsidrat fil-liġi Maltija fir-rigward ta' sensji regolari. Qal li minflok il-liġi tibbaża sensji regolari fuq il-kriterju ta' żmien li impjegat ikun ilu ingaġġat fi klassi partikolari tax-xogħol mal-prinċipal. Qal li minkejja dan, it-Tribunal jikkonsidra dan il-kriterju bħala wieħed leġittimu, u jasal għad-deċiżjoni li s-Sur Forcade kellu kredenzjali iżjed meħtieġa, mingħajr ma jispjega x'kien li jagħmel dawn il-kredenzjali aħjar minn tal-appellant. Qal li għalhekk it-Tribunal kien qiegħed biss jassumi li s-Sur Forcade kellu kwalifiki aħjar minn tiegħu. Żied jgħid li t-Tribunal naqas milli jispjega x'kienu l-*multiple aircraft types* li kienu differenti minn dawk li s-Sur Guillaut kien kwalifikat fihom. L-appellant qal ukoll li filwaqt li t-Tribunal kien erronjament qed jikkonsidra l-kriterju ta' kompetenza, dan injora kompletament il-fatt li x-xogħol tal-appellant ġie trasferit lil impjegat differenti tas-soċjetà appellata, mingħajr ma ġie kkunsidrat min mit-tnejn kien ingaġġat l-ewwel mal-kumpannija. L-appellant qal li dan it-trasferiment ġie kkonfermat ukoll permezz tat-tieni ittra ta' terminazzjoni datata s-27 ta' Ġunju, 2021. Qal li għalhekk, is-soċjetà appellata ma kellha l-ebda intenzjoni li timxi mal-kriterji li għandhom japplikaw skont il-Liġi Maltija, iżda sempliċement riedet tittermina l-impjieg tal-appellant u ttih lil impjegat ieħor. Qal li kieku s-Sur Forcade verament kien ingaġġat qabel l-appellant, bi rwol aħjar minn tiegħu, is-soċjetà appellata setgħet faċilment tindika li x-xogħlijiet li kien jagħmel l-appellant kienu ser jiżdiedu max-xogħlijiet li diġà kellu s-Sur Forcade. L-appellant qal li minflok din ikkonfermat bil-miktub li s-Sur Forcade kien ser jiġi appuntat fir-rwol tal-appellant bl-iskop li dan

jissostitwih f'xogħlu. L-appellant qal li minħabba l-kriterji żbaljati li ġew ikkonsidrati mit-Tribunal, ma ġewx applikati l-prinċipji legali stipulati fl-artikolu 34(6) tal-Kap. 452, li jobbligaw lill-prinċipal iżomm lill-impjegat li jkun ingaġġat l-ewwel miegħu fil-klassi partikolari ta' xogħol. Qal li konsegwenza tal-applikazzjoni ħażina tal-liġi u l-apprezzament ħażin tal-fatti, ġie erronjament deċiż li l-impjieg tiegħu ġie tterminat b'mod ġust.

21. L-appellant għamel riferiment ukoll għal dak li jipprovdi l-artikolu 36(3) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, li jgħid li kuntratt ta' servizz għal żmien indefinit jista' jintemm mill-impjegat mingħajr ma jagħti ebda raġuni, u mill-prinċipal fuq bażi ta' *redundancy* biss. Qal li għalhekk skont il-Liġi Maltija, huwa aċċettabbli biss li impjieg jiġi terminat mingħajr raġuni meta din it-terminazzjoni ssir da parti tal-impjegat u mhux meta din issir mill-prinċipal, anke jekk it-terminazzjoni ssir fuq il-bażi ta' *redundancy.* L-appellant kompla jgħid li fil-każ odjern, minkejja li l-impjegat irċieva żewġ ittri ta' terminazzjoni, fl-ebda ittra ma ngħata xi tip ta' spjegazzjoni jew raġuni għat-terminazzjoni tal-impjieg. L-appellant temm jgħid li minkejja li s-soċjetà appellata ssostni li t-terminazzjoni saret abbażi ta' *redundancy,* din ir-raġuni ma ngħatatx lill-appellant, u għalhekk it-Tribunal naqas milli japplika l-artikolu 36(3) tal-Kap. 452.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

22. Is-soċjetà appellata bdiet ir-risposta tagħha billi fl-ewwel lok eċċepiet l-inappellabilità tad-deċiżjoni appellata, stante li fil-fehma tagħha m'hemm ebda

punt ta' dritt attakkat mill-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu. Is-soċjetà appellata qalet li bħala raġuni għat-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellant, hija kienet invokat is-sitwazzjoni ta' *redundancy,* u dan billi fir-riorganizzazzjoni li għamlet minħabba problemi finanzjarji li kienet qegħda tiffaċċja, kellha bilfors tittermina l-kariga li kien jokkupa l-appellant, u x-xogħol kellu jingħata lil ħaddiem ieħor mhux impjegat fl-istess klassi ta' impjieg. Qalet li din id-difiża tagħha ġiet aċċettata mit-Tribunal wara li dan ikkonsidra l-provi kollha li kellu quddiemu.

27. Is-soċjetà appellata qalet li skont is-subinċiż (3) tal-artikolu 82 tal-Att XXII tal-2002, ikun hemm dritt ta' appell fil-każijiet kontemplati f'dik id-dispożizzjoni 'fuq punt ta' liġi'. Qalet li f'bosta sentenzi tagħha din il-Qorti rraviżat illi punt ta' liġi li jirrendi ammissibli l-impunjattiva tad-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal adit, irid ikun dak ta' vjolazzjoni jew ta' applikazzjoni falza ta' punt jew ta' prinċipju ta' dritt. Qalet li għalhekk mhux biżżejjed li l-appellant jissottometti li t-Tribunal m'għamilx stħarriġ adegwat tal-kawża tat-tkeċċija, iżda l-aggravju tiegħu għandu jippostula sew il-punt tal-liġi li huwa jidhirlu li ġie malinterpretat jew applikat ħażin fir-rigward tal-fattispeċi u tal-elementi tal-provi li t-Tribunal kellu quddiemu.

28. Is-soċjetà appellata qalet li t-Tribunal, wara li sema' l-provi kollha tal-partijiet, wasal għall-konklużjoni li r-riorganizzazzjoni magħmula mill-kumpannija appellata minħabba esiġenzi ta' natura finanzjarja, kienet tali illi l-ħtieġa għall-kariga okkupata mill-appellant bħala RDFE Deputy kienet

intemmet, u għalhekk ix-xogħol tiegħu seta' jiġi assorbit minn impjegat ieħor, li kien mħarreġ sabiex jagħmel kemm ix-xogħol tiegħu kif ukoll dak tal-appellant, u li kien jokkupa kariga differenti minn dik li kien jokkupa l-appellant fl-istess kumpannija. Qalet li t-Tribunal ikkonsidra l-assjem tal-provi li kellu quddiemu sabiex ikkonkluda li l-motiv tar-*redundancy* kien ġenwin u ġustifikat. Is-soċjetà appellata qalet li jekk il-provi mressqa mis-soċjetà appellata kinux suffiċjenti sabiex it-Tribunal jasal għall-konklużjoni li din ir-riorganizzazzjoni kienet meħtieġa, dan huwa ġudizzju ta' fatt li din il-Qorti ma tistax tissindika. Qalet li skont l-artikolu 36(3) tal-Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali, kuntratt ta' servizz għal żmien bla limitu jista' jintemm bl-għoti tal-avviż kif speċifikat fis-subartikolu (5) mill-impjegat mingħajr ma jagħti ebda raġuni, u mill-prinċipal, bla ħsara għad-dispożizzjoni tas-subartikolu (4), fuq bażi ta' *redundancy* biss. Qalet il-bażi tat-terminazzjoni kif indikata u deċiża mit-Tribunal kienet proprju r-*redundancy,* u għalhekk is-soċjetà appellata ma tistax tifhem kif qed jiġi allegat li kien hemm żball ta' liġi meta t-Tribunal wasal għall-konklużjoni li seħħet *redundancy* kif trid il-liġi. Is-soċjetà appellata qalet li l-Qrati tagħna jgħallmuna li minkejja li kemm l-impjegat kif ukoll min iħaddem għandhom il-libertà li jtemmu r-rapport tax-xogħol għal żmien indeterminat, prevja preavviż da parti tal-prinċipal, dan it-temm tal-impjieg ma jistax ikun wieħed *ad nutum,* iżda biss in relazzjoni għal raġuni ta' *redundancy.* Qalet li dan dejjem mingħajr preġudizzju għall-ħtieġa ta' 'raġuni tajba u biżżejjed' li jippreċiża l-artikolu 36(14), fejn b'differenza mill-artikolu 36(3), mhemmx il-ħtieġa li jingħata preavviż. Qalet li bejn is-subartikoli (3) u (14) hemm id-distinzjoni markata fejn

fis-subartikolu (3) hemm il-motiv ġustifikat tar-*redundancy,* filwaqt li fis-subartikolu (14) hemm il-kawża ġusta tal-liċenzjament.

29. Is-soċjetà appellata qalet li r-raġuni mogħtija minnha għar-*redundancy* tal-appellant kienet ir-riorganizzazzjoni tagħha minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja ħażina li kienet għaddejja minnha dak iż-żmien. Qalet li din il-kwistjoni kellha tiġi investigata mit-Tribunal sabiex imbagħad iqis jekk it-terminazzjoni tal-appellant kinitx inġusta, kif fil-fatt sar. Is-soċjetà appellata qalet l-ewwel aggravju mressaq mill-appellant dwar liema liġi kellha tiġi applikata rigward is-sensja, u jekk din kinitx sensja regolari, tqajjem biss sabiex l-appellant jipprova jagħti xejra ta' punt ta' liġi lil dan l-appell. Kompliet tgħid li imkien mill-provi ma jirriżulta li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellant kienet parti minn sensji kollettivi, jiġifieri t-terminazzjoni ta' impjieg minn prinċipal għal raġunijiet ta' għadd żejjed ta' impjegati. Qalet li mill-provi ma jirriżultax hi kemm kellha impjegati, kemm mill-impjegati tterminati kienu impjegati ta' HOSI Malta Limited u kemm kienu impjegati ta' Heliconia Aero Solutions, u x'kien il-perijodu li fih seħħew dawn it-terminazzjonijiet. Qalet li din l-informazzjoni ma ġietx ipprovduta għaliex fl-ebda stadju ma saret talba da parti tal-appellant dwar dan, u kien biss issa li l-proċeduri waslu fi stadju ta' appell li qiegħed jiġi sottomess li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellant kellha tiġi meqjusa bħala parti minn sensji kollettivi. Qalet li peress li l-appellant qatt ma qajjem din il-kwistjoni waqt il-proċeduri quddiem it-Tribunal, u konsegwentement ma saret l-ebda prova dwar dan, it-Tribunal kellu raġun li ma jidħolx fil-kwistjoni dwar jekk ġewx segwiti r-rekwiżiti tal-Liġi Sussidjarja 452.80 dwar sensji kollettivi.

30. Is-soċjetà appellata għamlet riferiment għal dak li xehed Chris Krajewski meta qal li r-ristrutturar kien marbut mal-eliminazzjoni kompleta tax-xogħol *offshore* li l-kumpannija kellha minħabba fil-kriżi li laqtitha. Qalet li meta hu ġie mistoqsi dwar liema kumpannija kien qiegħed jitkellem fuqha, huwa kkonferma li kien qiegħed jitkellem dwar Heliconia Aero Solutions, u żied jgħid li l-programm ta' ristrutturar ġie mfassal minħabba tnaqqis konsiderevoli fid-dħul tal-kumpannija. Is-soċjetà qalet li għalhekk huwa ċar li meta Chris Krajewski rrefera għat-terminazzjoni tal-impjiegi, huwa kien qiegħed jitkellem dwar l-impjegati kollha ta' HAS, li kienu jinkludu wkoll lill-appellant u oħrajn li ġew assenjati sabiex jaħdmu mal-istess kumpannija da parti ta' HOSI Malta Limited, u li konsegwenza ta' dan ir-ristrutturar spiċċaw mingħajr impjieg. Qalet li f'dan il-perijodu ta' żmien mhux magħruf jekk ġewx terminati xi impjiegi minħabba r-ristrutturar ta' Heliconia Aero Solutions. Qalet li dwar il-kwistjoni jekk dawn jistgħux jitqiesu bħala sensji kollettivi jew le, mhu ser ikun hemm l-ebda risposta għaliex l-appellant ma ressaq l-ebda prova dwar dan, u għalhekk issa ma jistax jinterponi appell minħabba li ma saritx indaġini mit-Tribunal, li xogħlu huwa li jistudja l-provi prodotti, u jasal għal konklużjoni dwar jekk ġewx segwiti r-rekwiżiti imposti f'każijiet ta' sensji kollettivi.

31. Is-soċjetà appellata qalet li fil-proċeduri quddiem it-Tribunal, l-appellant fl-ebda ħin ma semma sensji kollettivi, iżda tul il-proċeduri dejjem insista li l-impjieg tiegħu ma ġiex terminat minħabba f'sensji, u li ġie impjegat xi ħaddieħor fir-rwol tiegħu minfloku, u għalhekk wieħed ma jistax jifhem kif issa, f'dan l-istadju ta' appell qiegħed jingħad li t-terminazzjoni tiegħu kellha tiġi meqjusa

bħala każ ta' sensji kollettivi, għajr biex tinfetaħ tieqa sabiex dan jiġi kkonsidrat bħala appell fuq 'punt ta' liġi' fejn dan ma jeżistix.

32. Is-soċjetà appellata qalet li hija ma tistax taqbel mas-sottomissjoni tal-appellant li f'dan il-każ kien hemm sensji kollettivi, għaliex din hija xi ħaġa li qatt ma ssemmiet quddiem it-Tribunal, li ma kellu l-ebda responsabbilità jiddeċiedi dwarha. Is-soċjetà appellata qalet li l-obbligu li jiddetermina jekk il-proċess tat-terminazzjoni sarx b'mod legali jew le, kellu joħroġ mill-atti, u fl-atti ma hemm assolutament xejn li jista' jwassal għal din l-investigazzjoni. Kompliet tgħid li anki li kieku *dato ma non concesso* din it-terminazzjoni kienet parti minn sensji kollettivi, il-liġi tistabbilixxi illi jekk wieħed jonqos milli jimxi mal-kundizzjonijiet imposti mil-liġi, ikun ħati ta' reat u jista' jeħel multa għal kull impjegat li jkun dikjarat żejjed. Qalet li s-sanzjoni imposta mill-istess liġi għalhekk mhijiex waħda li trendi t-terminazzjoni inġusta, jew li tfisser li s-sensja ma kinitx waħda ġusta u reali, iżda twassal għall-impożizzjoni ta' penali. Qalet li f'dan il-każ ma tresqet l-ebda prova li qatt saret xi talba lid-DIER sabiex is-soċjetà appellata tiġi investigata, la da parti tal-appellant u lanqas minn terzi persuni li allegatament kienu parti minn dawn is-sensji.

33. Is-soċjetà appellata qalet li l-aggravji l-oħra mressqa m'huma xejn għajr kontestazzjoni dwar il-mertu, u ma fihom ebda punt ta' liġi, u għalhekk sostniet li dan l-appell għandu jiġi miċħud.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

34. Il-Qorti sejra tibda billi fl-ewwel lok tikkonsidra l-eċċezzjoni sollevata mis-soċjetà appellata dwar jekk l-appell intavolat mill-appellant sarx fuq 'punt ta' liġi' jew le. Essenzjalment l-ilment ewlieni tal-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu huwa li t-Tribunal ma setax jikkonsidra li t-tkeċċija tal-appellant mill-impjieg kienet waħda valida u ġusta, abbażi ta' sensja li allegatament ingħatat minħabba problemi finanzjarji u tnaqqis fix-xogħol għall-kumpannija li kien impjegat magħha l-appellant. L-argument tal-appellant huwa li qabel jiddeċiedi jekk is-soċjetà appellata kienet ġustifikata fis-sensji li tat, it-Tribunal kellu jagħmel skrutinju tal-proċess adottat mill-istess soċjetà appellata, sabiex jiġi determinat jekk din osservatx l-obbligi imposti fuqha mil-liġi qabel tkun tista' tagħti sensji fuq il-premessa li naqsilha x-xogħol jew li għandha għadd ta' ħaddiema li huma żejda fl-impjieg tagħha. Għaldaqstant l-aggravju ewlieni tal-appellant huwa li t-Tribunal kellu l-obbligu jassigura li s-soċjetà appellata imxiet mal-obbligi imposti fuqha bil-liġi, qabel jasal għall-konklużjoni li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellant kienet waħda valida u ġusta. L-appellant jgħid li din l-evalwazzjoni t-Tribunal baqa' m'għamilhiex, u għalhekk il-konklużjoni tat-Tribunal li t-tkeċċija tal-appellant mill-impjieg kienet waħda ġusta, hija bbażata fuq kriterji arbitrarji, li mhumiex dawk li tistabbilixxi l-liġi. Il-Qorti għalhekk hija tal-fehma li, in vista tal-fatt li dan huwa l-aggravju ewlieni li fuqu l-appellant isejjes ir-rikors tal-appell tiegħu, l-appellant huwa ġustifikat li ressaq ir-rikors tal-appell tiegħu.

*L-ewwel aggravju:* *[it-Tribunal kien żbaljat meta kkonkluda li din it-terminazzjoni kienet ġusta minħabba 'sensja']*

35. L-appellant jgħid li huwa ħass ruħhu aggravat bid-deċiżjoni appellata għaliex jekk it-Tribunal kien konvint li r-raġuni għat-tkeċċija tiegħu mill-impjieg kienet 'sensja', it-Tribunal kellu jiddeċiedi jekk is-sensja partikolari li kien affettwat minnha l-appellant kinitx sensja kollettiva regolata mil-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.80, jew inkella kinitx sensja regolari regolata mill-artikolu 36 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellant qal li t-Tribunal ma speċifikax liema liġi qegħda tiġi applikata f'dan il-każ, kif ukoll naqas milli jagħmel evalwazzjoni dwar jekk ir-rekwiżiti imposti bil-liġi fir-rigward taż-żewġ tipi ta' sensji kkontemplati fil-Liġi Maltija ġewx osservati jew le. Minflok, qal l-appellant, it-Tribunal ibbaża ruħhu fuq ix-xhieda ta' Chris Krajewski, li kien CEO tas-soċjetà appellata, li fix-xhieda tiegħu qal li l-programm ta' ristrutturar kien meħtieġ minħabba l-problemi finanzjarji li kienet għaddejja minnhom is-soċjetà appellata u li wasslu biex din kellha tnaqqas in-numru ta' ħaddiema ingaġġati magħha, inkluż Krajewski nnifsu. L-appellant qal li l-liġi iżda timponi numru ta' obbligi li l-prinċipal irid josserva kemm fir-rigward ta' sensji hekk meqjusa 'regolari', kif ukoll fir-rigward ta' sensji 'kollettivi'. L-appellant qal li skont dak li xehed Chris Krajewski, kien hemm bejn ħmistax u għoxrin impjegati affettwati minn dawn is-sensji, u għalhekk wieħed jista' jasal għall-konklużjoni li din kienet sensja kollettiva. Qal li it-Tribunal ma kkonsidrax jekk per eżempju s-soċjetà appellata osservatx l-obbligu tagħha li tagħmel konsultazzjoni mar-rappreżentant tal-impjegati dwar it-terminazzjoni tal-impjiegi maħsuba

minnha, liema konsultazzjoni kellha ssir fi żmien sebat ijiem min-notifika, bil-għan li dawn is-sensji kollettivi jiġu evitati, jew inkella bil-għan li n-numru ta' ħaddiema affettwati minn dawn is-sensji jonqos kemm jista' jkun, kif titlob il-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.80. L-appellant żied jgħid li l-istess liġi titlob li n-notifika dwar sensji kollettivi, tiġi mgħarrfa lid-Direttur responsabbli mill-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, xi ħaġa li ma ġiex ippruvat li saret f'dan il-każ. Qal li mhux biss ma jirriżultax li dawn ir-rekwiżiti ġew osservati, iżda ġie wkoll ikkonfermat, u fil-fatt it-Tribunal ġibed l-attenzjoni dwar dan, li s-sensji ngħataw waqt li l-Kap tad-Dipartiment li kien jaqa' taħtu l-appellant u l-Kap tat-Taqsima tar-Riżorsi Umani tas-soċjetà appellata, kienu msefrin, u għalhekk kellu jkun is-CEO tal-kumpannija li ta l-aħbar tat-terminazzjoni tal-impjieg lill-appellant. Fil-fatt it-Tribunal qal li ntweriet insensittività fil-konfront tal-impjegat, bil-mod kif dan ingħata l-aħbar li kien qiegħed jiġi lliċenzjat mill-impjieg.

36. Il-Qorti tqis li f'dan il-każ mhux biss kien hemm insensittività fil-mod kif l-appellant ġie mgħarraf li l-impjieg tiegħu kien qiegħed jiġi tterminat, imma wkoll ma ġiex ppruvat li r-rekwiżiti stabbiliti mil-liġi, ġew osservati. Dan iwassal għall-konklużjoni li fir-rigward tal-proċess li wettqet is-soċjetà appellata sabiex tittermina l-impjieg tal-appellant, il-Qorti m'għandha l-ebda prova li kien hemm impjegati oħra mal-istess kumpannija li ġew itterminati fl-istess żmien jew għar-raġunijiet mogħtija minn Chris Krajewski, u għalhekk ma jistax jitqies li dan il-proċess kien wieħed validu, jew li sar b'konformità ma' dak li tipprovdi l-liġi. It-Tribunal kellu l-obbligu li jiddetermina jekk il-proċess li sar mis-soċjetà appellata

kienx wieħed legali, jiġifieri wieħed li josserva strettament dak li tipprovdi l-liġi jew le. It-Tribunal għalhekk kellu jkun konvint li r-rappreżentant tal-impjegati kien infurmat bis-sensji maħsuba, li dan irċieva d-dettalji li telenka l-liġi, u li d-Direttur tal-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali kien infurmat bil-proċess mibdi mis-soċjetà appellata u kien ukoll involut fi proċess li kellu jassigura li l-ebda impjegat ma jiġi tterminat bla bżonn. Apparti li jirriżulta bl-aktar mod lampanti li dan l-eżerċizzju ma sarx, il-Qorti tosserva wkoll li s-soċjetà appellata ma ġabet l-ebda prova tal-problemi li allegatament bdiet tiffaċċja fl-2018, tal-fatt li din rat tnaqqis fid-domanda għax-xogħol *offshore* u anki *onshore* tagħha, u li konsegwentement naqset id-domanda għall-użu tal-ħelikopters li kien isuq l-appellant. Lanqas ma nġabet prova tal-programm ta' ristrutturar li esponenti tas-soċjetà appellata qalu li sar, jew tal-kriżi finanzjarja li allegatament laqtet lis-soċjetà appellata. Il-Qorti qieset ukoll li għajr għax-xhieda ta' dak li kien CEO tas-soċjetà appellata, ma nġabet l-ebda prova lanqas tal-ammont ta' impjegati li ġew itterminati minn mas-soċjetà appellata minħabba fil-problemi li bdiet tiffaċċja. Għalkemm il-liġi tagħna ma tagħti l-ebda definizzjoni jew tifsira ta' 'sensja', diversi drabi l-Qrati tagħna għamlu riferiment għall-każistika tal-Qrati Ingliżi u għad-definizzjoni mogħtija minnhom fir-rigward ta' dan il-kunċett. Hekk per eżempju din il-Qorti diversament preseduta fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Alessandra Theuma *vs.* Alfred Mangion et**[1], qalet illi:

> "Fuq din il-materja ta' *redundancy* jidher li l-każistika tal-Qrati Ingliżi stabbiliet dawn il-linji gwida, u ċioe:-

[1] 23.05.2008

> (a) Was the employee dismissed?;
> (b) If so, had the requirements of the business for the employees to carry out the work of a particular kind ceased or diminished (or were expected to do so)?
> (c) If so, was the dismissal caused wholly or mainly by that state of affairs?"
>
> "Tissokta tirritjeni s-sentenza "**Safe Stores plc vs Burrell**" (1997) li minnha l-preċitati kawżi ttieħdu, illi taħt punt (b) l-element kruċjali hu dak jekk verament kien hemm tnaqqis fil-business requirements di fronte għall-impjegat. Espliċitament, tesprimi "*in deciding that, tribunals should not introduce "a contract test" whereby they just considered the specific tasks the applicant was employed for." Illi wkoll f'din l-istess linja ta' ħsieb is-sentenza "**Shawkat vs Nottingham Hospital NHS Trust**" u għal ċertu sens, mhux lanqas 'il bogħod minnhom, id-deċiżjonijiet ta' din il-Qorti fl-ismijiet "**Victoria Spiteri vs St. Catherine's High School**" (18 ta' Ottubru, 2006) u "**John Bartolo vs International Machinery Limited**" (9 ta' Mejju, 2007)."*

Għall-Qorti, il-konklużjoni tat-Tribunal li dan kien każ ta' sensji kollettivi, kienet waħda żbaljata, għaliex jirriżulta li dan qagħad biss fuq dak li xehdu esponent jew tnejn tas-soċjetà appellata, mingħajr ma tali evidenza kienet korroborata b'dokumentazzjoni jew provi oħra. It-Tribunal per eżempju aċċetta dak li xehed wieħed mill-esponenti tas-soċjetà appellata *at face value,* mingħajr ma qies jekk it-terminazzjoni tal-appellant mill-impjieg saritx għaliex ma kienx hemm bżonn iżjed li jsir l-istess xogħol, u għalhekk kienx hemm tnaqqis fil-*business requirements di fronte* għall-appellant, jew inkella għaliex is-soċjetà appellata riedet tnaqqas l-ispejjeż tal-operat tagħha. Għaldaqstant tqis li dan l-aggravju tal-appellant huwa mistħoqq, u tilqgħu.

*It-tieni aggravju:* *[f'każ ta' sensja regolari, japplika l-prinċipju* last in, first out*]*

37. Fil-fehma tal-Qorti, anki li kieku din is-'sensja' kellha titqies bħala sensja regolari, fis-sens li din ma kinitx sensja li kienet taffettwa numru ta' impjegati tas-soċjetà appellata, iżda kienet taffettwa biss lill-appellant minħabba li ġie deċiż li x-xogħol li kien qiegħed jagħmel mas-soċjetà appellata ma kienx aktar meħtieġ, it-Tribunal kellu jassigura li s-soċjetà appellata osservat dak li jipprovdi l-artikolu 36(4) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, jiġifieri li ġie applikat il-prinċipju li l-aħħar persuna li ġiet impjegata f'dik il-klassi ta' impjieg, tkun l-ewwel waħda milquta mir-*redundancy.* Effettivament dan ifisser li t-Tribunal kellu jagħmel evalwazzjoni dwar jekk il-persuna li assumiet ir-rwol li kien jaqdi l-appellant qabel l-impjieg tiegħu safa tterminat, kinitx bdiet taħdem mas-soċjetà appellata qablu jew le. Iżda t-Tribunal injora għal kollox dan id-dispost tal-liġi, u minflok iddeċieda li l-persuna li assumiet ir-rwol li kien jaqdi l-appellant mas-soċjetà appellata kien kompetenti aktar minnu, u li dan kien fi grad aħjar minnu minħabba li seta' jsuq mudelli differenti ta' ħelikopters, mingħajr ma nġabet prova konkreta ta' dan.

38. Il-Qorti tqis illi l-impressjoni li ngħatat mis-soċjetà appellata fl-ittra tagħha lill-appellant, kienet li s-Sur Forcade kien qiegħed jassumi r-rwol li kellu l-appellant qabel ġie tterminat, u li dan ġie ingaġġat mis-soċjetà appellata minflok l-appellant, u mhux li dan kien qiegħed jassumi xi rwol ġdid li qatt ma kellu qabel, b'żieda ma' xi kariga jew rwol li dan diġà kellu mas-soċjetà appellata. Fi kwalunkwe każ, il-Qorti tqis li t-Tribunal kellu jitlob prova sabiex ikun jista' jagħmel il-verifika dwar jekk is-Sur Forcade kienx diġà impjegat mas-soċjetà

appellata u xi rwol kellu ma’ din il-kumpannija, qabel dan beda jassumi uħud mill-inkarigi li kien jaqdi l-appellant.

39. Is-soċjetà appellata fi-risposta tagħha tgħid li waqt il-proċeduri quddiem it-Tribunal, l-appellant qatt ma talab prova dwar dawn il-lanjanzi li qiegħed iqajjem f’dan l-appell, u għalhekk l-appellant mhux ġustifikat fil-lanjanzi mqajma minnu. Iżda din il-Qorti tirrileva li l-appellant resaq quddiem it-Tribunal bl-ilment speċifiku li huwa tkeċċa mill-impjieg inġustament u mingħajr ma ngħata ebda raġuni valida għal din it-tkeċċija. L-appellant irnexxielu jipprova, permezz taż-żewġ ittri tat-terminazzjoni tal-impjieg li bagħtitlu s-soċjetà appellata, li s-soċjetà appellata qatt ma tat ir-raġuni għaliex l-impjieg tiegħu kien qiegħed jiġi tterminat. Minkejja dan, it-Tribunal ikkonsidra li t-tkeċċija in kwistjoni tammonta għal ‘sensja’, jiġifieri għal sitwazzjoni fejn persuna tispiċċa mill-impjieg minħabba li kien naqas il-volum ta’ xogħol u s-soċjetà appellata kienet sejra tispiċċa b’ammont ta’ ħaddiema żejda. L-oneru tal-prova li kien hemm il-ħtieġa li jingħataw sensji, immaterjalment minn jekk dawn humiex regolari jew kollettivi, kienet tinkombi fuq is-soċjetà appellata, li kellha ġġib provi konvinċenti li din it-terminazzjoni partikolari kienet meħtieġa, u li din saret bil-mod kif mitlub mil-liġi. It-Tribunal kien żbaljat meta qagħad fuq dak li xehdu esponent jew tnejn mis-soċjetà appellata, mingħajr ma għamel ebda verifika ulterjuri dwar il-veraċità tal-istqarrijiet li saru, bil-korroborazzjoni ta’ dokumenti u provi li setgħu jwasslu lit-Tribunal għall-konvinċiment li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellant kienet waħda valida, ġustifikata, u li saret b’osservazzjoni ta’ dak li tipprovdi l-liġi fir-rigward. Għaldaqstant, l-ewwel u t-tieni aggravji tal-

appellant qegħdin jiġu milqugħa, għaliex fil-fehma tal-Qorti, it-Tribunal ma kellux provi suffiċjenti sabiex jasal għall-konklużjoni li din kienet sensja, u sussidjarjament li din is-sensja ngħatat b'osservanza tar-regoli stabbiliti fil-liġi. Għalhekk ma jistax jingħad li din it-tkeċċija kienet waħda valida u ġusta.

*It-tielet aggravju: [il-kriterju tal-kompetenza]*

40. L-appellant isostni li t-Tribunal mar lil hinn minn dak li tistabbilixxi l-liġi, meta qies il-kriterju tal-kompetenza tal-appellant meta mqabbel ma' dik tas-Sur Forcade, li allegatament ġie ingaġġat mis-soċjetà appellata sabiex jaqdi uħud mill-inkarigi li kien jaqdi l-appellant.

41. Il-Qorti tosserva li l-kwistjoni tal-kompetenza tal-impjegat li jisfa tterminat mill-impjieg mhijiex rilevanti għall-evalwazzjoni li kellha ssir mit-Tribunal dwar jekk is-soċjetà appellata kinitx ġustifikata fid-deċiżjoni li ħadet jew le. Apparti minn hekk, quddiem it-Tribunal ma nġabet l-ebda prova oġġettiva tal-kwalifiki li għandu s-Sur Forcade, jew tal-liċenzji li dan kiseb sabiex ikun jista' jsuq jew jgħallem fuq mudelli ta' ħelikopters differenti, u għalhekk il-konklużjoni li wasal għaliha t-Tribunal f'dan ir-rigward, hija waħda gratwita u arbitrarja. Fin-nuqqas ta' raġuni mogħtija mis-soċjetà appellata dwar għalfejn l-impjieg tal-appellant kien qiegħed jiġi tterminat, it-Tribunal ma kellux jikkonkludi li s-Sur Forcade assuma parti mill-inkarigu li kien iwettaq l-appellant għaliex kien kompetenti aktar minnu. Fi kwalunkwe każ, il-kwistjoni tal-evalwazzjoni tal-livell tal-kompetenza tal-impjegati hija xi ħaġa li trid issir minn

min iħaddem, u mhux mit-Tribunal li l-funzjoni tiegħu hija li jiddeċiedi dwar jekk it-tkeċċija ta' impjegat mill-impjieg kinitx ġusta jew le. Għaldaqstant din il-Qorti tqis li dan l-aggravju huwa ġustifikat, u tilqgħu.

*Ir-raba' aggravju: [l-artikolu 36(3) tal-Kap. 452]*

42. L-appellant jgħid li t-terminazzjoni ta' impjieg tista' ssir mill-impjegat mingħajr il-ħtieġa li dan jagħti r-raġuni għaliex jixtieq jitlaq mill-impjieg, jew mill-prinċipal f'każ ta' *redundancy* fejn l-impjegat ikun fuq kuntratt ta' servizz indefinit. Is-soċjetà appellata ppruvat targumenta li kellha bżonn li tagħmel riorganizzazzjoni minħabba l-problemi finanzjarji li bdiet tħabbat wiċċha magħhom, u kien għalhekk li hija kellha tittermina l-impjieg tal-appellant, filwaqt li x-xogħol tiegħu kellu jingħata lil ħaddiem ieħor. Għal din il-Qorti din il-pożizzjoni tas-soċjetà appellata, qajla tista' tiġi aċċettata f'dan l-istadju, għaliex hija ma ressqet l-ebda prova quddiem it-Tribunal li kien hemm il-ħtieġa li jsir ir-ristrutturar, jew li din kienet qiegħda tiffaċċja diffikultajiet kbar u kellha tkeċċi xi ħaddiema. Il-fatt li fl-ittri tat-terminazzjoni ma tingħata ebda raġuni għalfejn l-impjieg tal-appellant kien qiegħed jiġi tterminat, hija l-fattur ewlieni għaliex din it-terminazzjoni ma tistax titqies li hija ġusta u valida. Fl-ittri tat-terminazzjoni imkien ma jingħad li dan l-impjieg qiegħed jiġi tterminat għaliex il-kumpannija li kienet timpjega lill-appellant kienet qiegħda tiffaċċja diffikultajiet u kellha tagħti numru ta' sensji jew din is-sensja partikolari. Għalhekk is-soċjetà appellata ma tistax tipprova tiġġustifika dan in-nuqqas tagħha, billi f'dan l-istadju tal-appell tgħid li minħabba r-riorganizzazzjoni tal-

kumpannija, kellhom jingħataw numru ta' sensji, għaliex quddiem it-Tribunal dan ma ntqalx, u lanqas ma nġiebet prova li dan seħħ tassew. Għaldaqstant tqis li dan l-aggravju tal-appellant huwa ġustifikat, u tilqgħu wkoll.

## Decide

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tilqgħu, tilqa' l-aggravji tiegħu u konsegwentement tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata, senjatament il-parti fejn ġie deċiż li huwa tkeċċa mill-impjieg ġustament, tiddikjara li t-tkeċċija tal-appellant mill-impjieg da parti tas-soċjetà appellata kienet tammonta għal tkeċċija inġusta fit-termini tal-liġi, u għal dan l-iskop din il-Qorti qiegħda tirrinvija l-atti lura lit-Tribunal Industrijali sabiex dan jiffissa l-kwantum tal-kumpens li għandu jitħallas lill-appellant minħabba t-tkeċċija tiegħu mill-impjieg mingħajr raġuni ġusta.**

**L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom ikunu a karigu tas-soċjetà appellata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**